MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tas-26 ta' Frar, 2015

Talba Numru. 206/2012

**Gasan Finance Co PLC (C 16435)**

**vs**

**Antoine Pace Asciak, Marcel Pace Asciak,
Natalie Pace Asciak, Maria Aurelia sive
Mariella Pace Asciak u b'degriet moghti fil-5 ta' Novembru 2012
illi l-okkju ghandu jinqara Antoine Marcel Pace Asciak minflok
Antoine Pace Asciak u Marcel Pace Asciak.**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li f'din il-kawza s-Socjeta' Attrici qed titlob minghand il-Konvenut il-hlas ta' elf, mitejn, erbgha u tletin Ewro sitta u disghin centezmi ghal spejjes ta' manutenzjoni u spejjes ohra tal-komun tal-blokka Il-Piazzetta, Tower Road, Sliema nkorsi sal-31 ta' Dicembru 2011. Flimkien ma mghax u spejjes inkluzi dawk ta' ittra ufficjali tal-1 ta' Gunju 2011.

Il-Konvenuti f'din il-kawza qed jitharrku bhala eredi ta' Salvina Pace Axiak.

**Ra** li din il-kawza qed timxi flimkien ma dik 207/12 Gasan Finance Co PLC (C 16435) vs Mariella Fenech Pace fejn, *a fol* 47 gie verbalizzat (udjenza tal-4 ta' Frar 2013) li x-xhieda f'dik il-kawza ghandha titqies bhala xhieda fil-kawza odjerna wkoll u vice-versa jekk ikun il-kaz. Verbal f'dan is-sens hemm ukoll *a fol* 45 tal-kawza odjerna, udjenza tal-10 ta' April 2013.

In vista ta' dan, it-TRIBUNAL jordna li kopja tas-sentenza fl-Avviz 207/12 moghtija llum ghandha tkun mehmuza mas-Sentenza tal-lum fl-Avviz odjern 206/12 u dana sabiex dak kollu migbur, kunsidrat u migjub f'dik is-sentenza ikun jifforma parti mis-sentenza odjerna precizament fl-AVVIZ 206/12.

IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL ghar-ragunijiet migjuba fis-sentenza tal-lum stess fl-AVVIZ 207/12 jiddeciedi billi (1) **jaccetta** t-TALBA fil-quantum ta' tmien mitt ewro (€800.00c) b'dana li l-hlas isir sa ghoxrin jum mil-lum u jekk dan it-terminu ma jigix osservat jibda ghaddej l-imghax mil-lum stess sal-jum tal-pagament effettic (2) **jichad** l-eccezzjonijiet kollha in kwantu huma nkompatibbli ma dak deciz dwar it-TALBA u (3) **jiddeciedi** li l-ispejjes tal-kawza jkunu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------